MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 331/2003

**UCIM Co. Limited**

**vs**

**Cleanwell Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar 2003, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm1378.00) rappresentanti import ta' hmistax il-kambjala, wahda ta' Lm6.00 (bilanc), u erbatax ta' Lm98.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 15. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-5 ta' Frar 2003 jammontaw ghal Lm64.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' Lm6.00 ghal konsult legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm1378.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------